FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 12 ta' Ottubru, 2001**

**Numru 7**

**Avviz. numru 362/01JR**

**Randolph Camilleri Surveys Limited**

**vs**

**Joseph Abela**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-25 ta' Mejju, 2001, fejn intalab il-hlas ta' mitejn u tmintax-il lira Maltija u hamsin centezmu (Lm218.50) rapprezentanti drittijiet u spejjez professjonali ghal servizz ta' "land surveying" provdut lill-konvenut fuq ordni tieghu stess;**

**Illi ghalkemm interpellat diversi drabi biex ihallas baqa' nadempjenti;**

**Bl-ispejjez u bl-imghax legali mit-30 t'April, 1999 li sal-lum jammontaw ghal**

**sitta u tletin lira Maltija tlieta u tletin centezmu (Lm36.33) kif ukoll l-imghax ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma deherx u lanqas ma pprezenta risposta fir-rigward. Semgha x-xhieda ta' Dr. Michelle Pace ghas-socjeta` attrici. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mitejn u tmintax-il lira Maltija u hamsin centezmu (Lm218.50), u bl-imghax legali mit-30 t'April, 1999 li sal-lum jammontaw ghal sitta u tletin lira Maltija tlieta u tletin centezmu (Lm36.33) kif ukoll l-imghax ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**